**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. HENRY JAMES PEARSALL**

**Illum 6 ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 161/2011**

**Brian Buhagiar**

**Vs**

**Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell tar-rikorrenti **Brian Buhagiar** ipprezentat fid-19 ta' Mejju 2011 fejn ippremetta s-segwenti:

***"Applikazzjoni ghall-ezenzjoni skont l-Artikolu 19 tal-Kap. 368***

*Renault Megane Grand Scenic- Number plate: DR 5137*

*Nirreferi ghall-ittra bid-data tad-29 ta' April 2011, fir-rigward tal-applikazzjoni ta' hawn fuq.*

*Xtrajt il-karozza fid-9 ta` Lulju 2008 (jekk joghgbok ara d-dokument "A" mehmuz) fil-Lussemburgu fejn konna nghixu ghal sitt snin. Dak iz-zmien marti kienet qed tistenna tewmin u allura xtrajna Renault Grand Scenic second-hand. Ma kellna l-ebda ghagla*

*ghaliha (din kienet se tkun it-tieni karozza taghna) u d-dealer tal-karozzi offrielna li jaghtiha service u jillustraha u jbidlilna r-roti qabel ma nohduha.*

1. *Il-karozza damet hafna aktar zmien milli pprevedejna ghand ix-showroom izda kif semmejt qabel, ahna konna s-sidien u ma kellna l-ebda ghagla ghaliha. Hallasna ghall-karozza fil-jum li turi r-ricevuta li jfisser li konna s-sidien tal-karozza 'l fuq minn erbgha u ghoxrin xahar qabel wasalna Malta - fil-fatt konna xtrajnieha sitta u ghoxrin xahar qabel ma wasalna.*

2. *Barra minn dan, il-container bl-ghamara kollha taghna inkluza l-karozza (li effettivament ittrasferixxa r-residenza taghna) wasal Malta fis-7 ta' Dicembru 2010. Dan ma kienx ippjanat li jasal daqshekk tard (kellna l-oggetti personali u l-ghamara kollha f'dan il-container) imma kien dovut ghal serje ta' zbalji mwettqa mill-kumpanija tas-servizzi ta' rilokazzjoni. Dan ifisser li meta waslet il-proprjeta` mobiljari taghna, l-karozza kienet ilha rregistrata fuqna fil- Lussemburgu 'l fuq minn erbgha u ghoxrin xahar.*

3. *Fl-ahhar nett, jien ghandi kuntratt ta' xoghol f'Malta ghal tlett snin li ma jiggeddidx. Li jfisser li f'gheluq it-tliet snin irrid nerga' lura l-Lussemburgu. Qabel ma gejna lura Malta, jien u l-mara tieghi konna ilna nghixu l-Lussemburgu 'l fuq minn sitt (6) snin u dan huwa kaz genwin ta' applikazzjoni ghal koncessjoni biex inkunu ezentati milli nhallsu t-taxxa darbtejn, li wara kollox huwa fl-ispirtu tal-avviz legali rilevanti.*

*Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, gentilment nitlob lit-Tribunal biex jirrevedi d-decizjoni tat-Transport Malta."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta** ipprezentata fit-30 ta' Mejju 2011 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

1. *"Illi l-Awtorita` esponenti m'hijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kwistjoni u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti in kwantu jirrigwarda l-helsien tal-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni abbazi ta' residenza permanenti barra minn Malta tittiehed unikament mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u dana skont ir-Regolament 10 tar-Regoli tal-2009 dwar Ezenzjonijiet mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (A.L. 196/2009) u inoltre l-Awtorita` esponenti m'ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni.*

2. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-permess, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata."*

Ra l-affidavit tar-rikorrent;[1]

Ra d-dokumenti kollha pprezentati mir-rikorrent;

Ra li fis-seduta tal-20 ta' Lulju 2015 ir-rikorrent informa lit-Tribunal li l-Ministeru tal-Finanzi hareg l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fir-rigward tal-vettura in kwistjoni u ghalhekk ceda l-mertu ta' dan ir-rikors u talab li r-rikors jibqa' bla taxxa bejn il-partijiet;

Ra li d-difensur tal-Awtorita` intimata  informa lit-Tribunal li l-Awtorita` qieghdha tinsisti fuq il-kap tal-ispejjez;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza dwar il-kap tal-ispejjez.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal jinnota illi dawn il-proceduri damu pendenti ghal iktar minn erba' snin fejn fil-mori r-rikorrent kien f'tahdidiet mal-Ministeru ghall-Finanzi sabiex tigi koncessa l-ezenzjoni rikjesta wara d-decizjoni ta' rifjut tal-istess Ministeru datata 29 ta' April 2011.  Illi wara erba' snin jirrizulta illi l-Ministeru ghall-Finanzi kien kuntent bl-informazzjoni u dokumenti suppliti mir-rikorrent u ghalhekk ikkonceda l-ezenzjoni mitluba.

Illi jirrizulta illi r-rikors promutur gie introdott mir-rikorrent *di persona* fejn fl-ahhar paragrafu dan it-Tribunal intalab *"jirrevedi d-decizjoni tat-Transport Malta"*.

Illi ghalkemm mir-rikors promutur ma jirrizulta l-ebda okkju, il-proceduri skritti sussegwenti bdew igibu l-okkju "Brian Buhagiar vs Transport Malta" u dan naturalment wara li r-Registratur tal-Qrati  ha konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti.

Madankollu dak li kien qieghed jattakka r-rikorrent ma kinitx decizjoni ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta, illum Awtorita Ghat-Trasport f'Malta, imma kienet decizjoni tat-*Transfer of Residence Exemption Board* fi hdan il-Ministeru ghall-Finanzi.  F'dana kollu l-Awtorita` intimata ma ticcentra xejn u ma jiddependix minnha jekk tinghatax jew le l-ezenzjoni.  Prova ta' dan huwa

[1] A fol. 31

l-fatt li eventwalment t-tahdidiet li saru kienu mal-Ministeru ghall-Finanzi u l-eventwali ezenzjoni harget mill-istess Ministeru.

Illi ghaldaqstant l-Awtorita` intimata ghandha ragun tinsisti fuq l-ispejjez ghaliex hija m'ghandha l-ebda htija jekk kien hemm xi decizjoni li sussegwentement giet revokata da parti tal-Ministeru ghall-Finanzi.

Illi dan it-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrent ghaliex fl-ahhar mill-ahhar jirrizulta li nghata ragun mill-Ministeru ghall-Finanzi pero` ma jistghax jakkolla spejjez lill-Awtorita` intimata la ma kellha l-ebda sehem attiv fid-decizjoni impunjata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-mertu tar-rikors stante li dan gie cedut fil-mori, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lir-rikorrent ihallas l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

________________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**